# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 26 TA' Marzu 2019**

## Rikors Nru. 1147/2013GM

## EMANUEL CAMILLERI U SHIRLEY-PAULINE CAMILLERI

## VS

## LUKE EMANUEL SCHEMBRI

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Emanuel u Shirley-Pauline Camilleri ippreżentat fit-29 ta' Novembru 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti:

i. Tiddikjara illi l-imħarrek huwa responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fid-29 ta' Awissu, 2011 fi Triq Sant'Andrija ġewwa San Ġwann bejn il-vetturi tat-tip Yugo mudell 45A bin-numru tar-reġistrazzjoni FAZ-209 u l-vettura tat-tip Rover mudell Land Rover bin-numru tar-reġistrazzjoni JAU-063 u li b'konsegwenza ta' dan l-imħarrek hu passabbli għad-danni di fronti għall-istanti;

ii. Tiddikjara, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, illi l-istanti, per konsegwenza ta' dan l-inċident, sofriet danni fuq il-vettura tagħha targata FAZ-209;

iii. Tiddikjara okkorendo bl-opera ta' periti nominandi, illi l-istanti, per konsegwenza ta' dan l-inċident, sofra danni fosthom telf ta' qligħ, dizabilita' permanenti, u danni konsegwenzjali oħra;

iv. Tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, d-danni kollha sofferti mill-istanti;

v. Tikkundanna lil-imħarrek iħallas l-ammont hekk likwidat bħala dovut in linea ta' danni lill-istanti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-23 ta' Dicembru, 2011 (nru 4046/2011) u bl-imgħax legali kontra l-imħarrek skond il-liġi, li huwa inġunt għas-subizzjoni; b'riserva għall kull azzjoni oħra li tikkompeti lill-istanti skond il-Liġi, jew l-aventi kawza tiegħu, kontra l-imħarrek, jew l-aventi kawza tiegħu.

Talbu ukoll l-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali numru 4046/2011;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenut fil-21 ta' Frar 2014 fejn laqa' għat-talbiet tal-atturi billi stqarr illi l-inċident ma seħħx tort tiegħu;

Rat id-degriet tagħha (diversament preseduta) tas-6 ta' Marzu 2014 li bih ħatret lill-espert mediku kirurgu Mr Massimo Abela biex jistabilixxi jekk Emanuel Camilleri ġarrabx ġrieħi illi ma jgħaddux u f'każ affermattiv jistabilixxi l-grad ta' debilita` minnu mġarrba u dana wara li jieħu konjizzjoni tal-provi u dokumenti li jinsabu fl-atti;

Rat ir-rapport imressaq mill-espert mediku Mr Massimo Abela fit-30 ta' Mejju 2014;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat in-Noti ta' Sottommissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha l-oħra tal-kawża;

Ikkunsidrat:

**Responsabilita` tal-inċident**

Illi l-inċident seħħ F'San Gwann f'salib-it-toroq bejn Triq Sant'Andrija – triq ewlenija – u Triq il-Qrempuċ – triq sekondarja li jaqsmu lil xulxin b'mod perpendikulari. L-attur ħareġ minn Triq il-Qrempuċ u beda jaqsam il-wisa ta' Triq Sant'Andrija biex jidħol fil-parti opposta ta' Triq il-Qrempuċ. Il-konvenut kien qiegħed isuq fi Triq Sant'Andrija min-naħa tax-xellug tal-attur. X'ħin il-vettura misjuqa mill-attur waslet f'nofs l-inkroċju, in-naħa ta' quddiem ossia l-faċċata tal-vettura tal-attur ħabtet fin-nofs tal-ġemb xellugi tal-vettura tal-konvenut. Jirriżulta li l-impatt kien wieħed qawwi, billi ż-żewġ vetturi ċċaqalqu għal għadd ta' metri mill-point of impact u l-vettura tal-attur ġarrbet ħsara konsiderevoli. L-ebda vettura ma ħalliet *brake-marks*;

Illi l-attur, *a tempo vergine* qal li "kont tiela minn Triq il-Qrempuċ u kien hemm Toyota bajda quddiemi li kienet għada kemm saqet u jien ħriġt bil-mod warajha u kif wasalt f'nofs it-triq smajt Land Rover li lanqas biss żamm brejk u tagħni daqqa

u waqaf miegħi"[1]. Fl-affidavit tiegħu jgħid li t-Toyota waqfet fl-inkroċju wara li ħarġet minn Triq il-Qrempuċ, u allura huwa waqaf warajha f'nofs l-inkroċju;

Illi l-konvenut kemm *a tempo vergine* kif ukoll fix-xhieda tiegħu qal li kien isuq fi Triq Sant'Andrija fid-direzzjoni ta' salib-it-toroq ma' Triq il-Qrempuċ u peress li t-triq tidjieq ftit, kellu jċedi lil karozza oħra li kienet ġejja mill-faċċata tiegħu. Jgħid illi kif prosegwa biex isuq fil-parti il-wiesa' tat-Triq Sant'Andrija, b'ħamsa u għoxrin jew tletin kilometru fis-siegħa, ħa impatt minn vettura li ħarġet min-naħa tal-lemin tiegħu u ċjoe` minn Triq il-Qrempuċ. Il-konvenut jgħid illi nduna bil-vettura tal-attur hekk kif ħass id-daqqa u assulutament ma ra l-vettura tal-attur fl-ebda ħin qabel l-impatt;

Illi l-attur biddel sostanzjalment il-verżjoni oriġinali tiegħu li t-Toyota waqfet qabel ħarġet fit-Triq ewlenija b'rakkont differenti li t-Toyota waqfet waqt li kienet diġa' ħarġet fit-triq ewlenija. Għalhekk l-attur mhux kredibbli fit-tieni verżjoni tiegħu. Kif inhu notorju tingħata iktar kredibilita` għal dak li jingħad *a tempo vergine* għal raġunijiet ovvji. Barra minn hekk, l-attur fl-ebda ħin ma jgħid li esplora t-triq ewlenija qabel ħareġ fiha u lanqas li ra l-vettura tal-konvenut qabel seħħet il-ħabta – jgħid biss li semagħha;

Illi lanqas il-konvenut m'hu ta' min jorbot fuqu. Ma jistax ikun li kien għaddej bil-mod meta kien hemm impatt daqshekk qawwi, anke jekk il-Land Rover tiegħu hi iktar robusta mill-vettura tal-attur. U lanqas kien qiegħed attent għad dak li kien qiegħed jiġri fit-triq quddiemu, tant li l-vettura tal-attur lanqas biss raha qabel ħabat fiha;

---

[1] Fol 8

Illi għalhekk jirriżulta li l-attur ħareġ minn triq sekondarja bla ma esplora sewwa t-triq ewlenija filwaqt li l-konvenut kien għaddej b'veloċita` qawwija tenut kont tal-lokal mibni, u tal-inkroċju li kien qiegħed quddiemu, u l-perikolożita` tal-lokal – minnu sewwa magħrufa. Barra minn hekk ma kienx qed jagħti każ ta' x'kien qed jiġri fit-triq. Il-ħabta seħħet waqt li l-vettura tal-attur kienet miexja – u mhux wieqfa – fl-inkroċju. M'hemmx dubbju li ż-żewġ sewwieqa ikkontribwew għall-inċident, għaliex it-tnejn kellhom responsabilita` li joqgħodu partikolarment attenti f'salib it-toroq. B'danakollu r-responsabilita` tal-attur hija ikbar għaliex kien ħiereġ minn triq sekondarja. Ir-responsabilita` tal-inċident għalhekk għandha tiġi spartita terz lill-konvenut u żewġ terzi lill-attur;

**<u>Likwidazzjoni ta' danni</u>**

***Damnum Emergens***

Illi jidher illi fir-rigward ta' *damnum emergens*, l-attur mhux qed jitlob danni taħt dan il-kap;

***Lucrum Cessans*:**

Illi m'hemmx dubju li l-inċident tat-traffiku kellu mpatt negattiv fuq il-ħajja tal-attur. Wara l-inċident kien għamel tlett gimgħat ma jaħdimx u kien ikun muġugħ ħafna. Għadu jħoss uġigħ f'dahru u ma jistax jagħmel l-istess affarijiet bħal qabel. Ikollu joqgħod attent biex ma jistrapazzax u kull nhar ta' Ħadd ikollu jistrieħ ħafna biex ikun kapaċi jaħdem matul il-ġimgħa. Ma jistax jimxi fit-tul u filfatt m'għadux joħroġ passiġġati jew joħroġ dawra bil-kelb. Anke f'sitwazzjonijiet kwotidjani jaffettwah dahru u meta jkun bilqegħda ikollu bilfors iserraħ idejh fuq il-mejda biex ineħħi l-piż minn fuq dahru;

Illi fuq ix-xogħol tiegħu bħala *mechanic* ma jistax iqandel la oġġetti żgħar u lanqas kbar għax mil-ewwel jibda l-uġigħ f'dahru. Lanqas jista jaħdem kokka jew fil-baxx. M'għadux indipendenti bħal ma kien qabel u meta jkun jaħdem fuq il-karozzi ikollu iserraħ sidru mal-*mudguard* biex ikun jista jaħdem ġo l-*engine bay*;

**Multiplier**

Illi, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-attur huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talb tal-attur qegħda tinbena. Il-kwestjoni tal-*multiplier* li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the aċċident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of* ***estimation in the light of the facts*** *of the particular case and of other comparable cases*"[2];

Illi huwa stabilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[3], u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Fil-każ preżenti, jidher li l-attur fiż-żmien tal-inċident kellu sebgħa u erbgħin (47) sena.

[2]Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 122.
[3]App. ġiv. 16.11.1983 fil-kawża fl-ismijiet Salvatore Mifsud v Carlo Camilleri.

Tenut kont taċ-*chances of life* tal-ħajja lavorattiva, din il-Qorti se taddotta *multiplier* ta' 13-il sena[4];

**Paga**

Illi l-attur huwa *mechanic* u jaħdem għal-rasu. Il-paga medja tiegħu fi żmien l-inċident (2011) kienet ta' €12,359[5]. Il-partijiet, fin-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom qablu illi l-Qorti għandha tikkonsidra l-ammont ta' erbatax-il elf, mitejn u tnax-il ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€14,212.84)[6] bħala paga tal-attur u dan għaliex għandu jittieħed in konsiderazzjoni illi fil-ħajja lavorattiva tiegħu tista' tawmenta l-paga minn żmien għal żmien u anke il-fatt oppost illi tenut kont tad-diżabilita tiegħu, l-attur ma jibqax kapaċi jagħmel ix-xogħol li qed jagħmel bħalissa;

**Rata ta' diżabilita`**

Illi l-attur ippreżenta rapport ta' Dr Frederick Żammit Maempel[7] fejn irrimarka illi l-attur wara l-inċident baqa jbati minn uġigħ fuq in-naħa tal-lemin ta' dahru speċjalment meta jitqalleb bil-lejl, jerfa xi oġġetti tqal jew iġebbed siequ l-leminija il-quddiem fost oħrajn. Dr Żammit Maempel ikkonkluda li l-attur għandu "*osteoarthritic changes most pronounced at the thoracolumbar junction. It appears that the aċċident caused further damage at 12/L1 level which is vulnerable with a sudden flexion force and resulted in or exacerbated a minor disc herniation. Symptoms woul;d be expected to improve with time however Mr*

[4] Ara tabella indikattiva fil-kawża Anthony Azzopardi u ibnu Dominic Azzopardi v Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta – P.A - 8.03.2012.
[5] Dok EM5-Dok EM 9 a fol 58-89.
[6] Vide fol 184 u fol 191.
[7] Dok EM1 a Fol 33.

*Camilleri is likely to experience backpain when lifting heavy objects in the future."*[8] Għahekk alloka rata ta' diżabilita ta' 6%;

Illi l-espert mediku mqabbad minn din il-Qorti, Mr Massimo Abela ikkonstata fir-rapport tiegħu[9] illi l-attur għadu jħoss uġigħ f'nofs dahru li xi drabi jinżel għal-ġog tal-koxxa (hip) tal-lemin. L-uġigħ jiżdied meta jkollu ħafna xogħol u strapazz u meta jpoġġi fil-baxx ħafna. Ikun perjodi li ma jkunx jiflaħ jaħdem u ma jkunx jista jmur għax-xogħol. Iħoss ukoll tnemnim ħafif u intermittenti fis-seba l-kbir tas-sieq tal-lemin;

Illi l-espert mediku ikkonkluda illi l-attur ġarrab leżjoni tad-disk intervertebrali T12/L1 wara li kien involut fl-aċċident in kwistjoni. It-tnemnim li jħoss hu probabilment riżultat ta' irritazzjoni żgħira tan-nerv L1 mid-disk u għalhekk attribwixxa rata ta' diżabilita ta' 5%;

**Lump Sum Payment**

Illi kif diġa` ngħad minn din l-istess Qorti f'sentenzi oħra:

'Illi l-Qorti mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħda tingħata *lump sum*. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi

[8] Fol 35.
[9] Fol 40.

kkunsmat.' Iktar u iktar billi issa għaddew kważi tmien snin mid-data tal-inċident[10];

Illi a bażi tas-suespost, il-*lucrum cessans* għandu jiġi kkalkolat bil-mod segwenti:

€14,212.84 x 13 x 5% x 1/3 = €3,079.45

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:

1. Tilqa' in parti l-ewwel talba tal-atturi, u tiddikjara li l-inċident mertu tal-kawża seħħ in parti tort u ħtija tal-konvenut fil-proporzjon ta' terz (1/3);

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' €3,079.45;

3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi is-somma hekk likwidata in linea ta' danni. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-23.12.2011 żewġ terzi għall-atturi u terz għall-konvenut u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut.

ONOR IMHALLEF
GRAZIO MERCIECA

[10] Trevor Grech v Lawrence Agius – Qorti Ċivili, Prim'Awla, 17.10.2018.